(2) *Ir-rikorsi huma miċħuda bħala inammissibbli.*

(3) *Milux Holding SA hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 148, 5.6.2010.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Marzu 2011 — Milux vs UASI (FERTILITYINVIVO)**

**(Kawża T-175/10)** (1)

***("Trade mark Komunitarja — Rappreżentazzjoni tar-rikorrenti minn avukat li ma għandux il-kwalità ta' terz — Inammissibbiltà")***

(2011/C 145/47)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Milux Holding SA (Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentant: J. Bojs, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: P. Geroulakos, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba Bord tal-Appell tal-UASI, tat-2 ta' Frar 2010 (Każ R 116/2009-4), dwar l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal vrbali FERTILITYINVIVO bħala trade mark Komunitarja

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*

(2) *Milux Holding SA hija kkundannata għall-ispejjez.*

(1) ĠU C 161, 19.06.2010.

---

**Rikors ippreżentat fis-17 ta' Frar 2011 — MSE Pharmazeutika vs UASI — Merck Sharp & Dohme (SINAMIT)**

**(Kawża T-100/11)**

(2011/C 145/48)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* MSE Pharmazeutika GmbH (Bad Homburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Büttner, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Merck Sharp & Dohme Corp. (New Jersey, l-Istati Uniti)

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tad-9 ta' Diċembru 2010 fil-Każ R 724/2010-1;

— tannulla d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tat-3 ta' Marzu 2010, li laqgħet l-oppożizzjoni Nru B 1441684.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Applikant għat-trade mark Komunitarja:* Ir-rikorrenti

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* It-trade mark verbali "SINAMIT", għal prodotti fil-klassijiet 3, 5 u 32 — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja Nru 951596

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* Il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark jew sinjal invokat:* It-trade mark verbali Awstrijaka Nru 57446, "SINEMET", għal prodotti fil-klassi 5; it-trade mark verbali tal-Benelux Nru 320194, "SINEMET", għal prodotti fil-klassi 5; it-trade mark verbali Daniża Nru VR197302373, "SINEMET", għal prodotti fil-klassi 5; it-trade mark verbali Finlandiża Nru 49091, "SINEMET", għal prodotti fil-klassi 5; it-trade mark verbali Griega Nru 34959, "SINEMET", għal prodotti fil-klassi 5; it-trade mark verbali Ungeriza Nru 116223, "SINEMET", għal prodotti fil-klassi 5; it-trade mark verbali Latvjana Nru M18257, "SINEMET", għal prodotti fil-klassi 5; it-trade mark verbali Litwana Nru 12963, "SINEMET", għal prodotti fil-klassi 5.

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* Oppożizzjoni milqugħa għal parti mill-prodotti kkontestati

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* Appell miċħud

*Motivi invokati:* Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, peress li l-Bord tal-Appell b'mod żbaljat ikkunsidra li kien hemm probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks kunfliġġenti, billi qies li minn naħa, hemm xebh kbir bejn it-trade marks u min-naħa l-oħra, hemm identiċità u xebh bejn il-prodotti koperti mit-trade marks.